**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Nicolas Labadesse**

**Kumpilazzjoni Nru. 411/2025 AC**

**Illum, il-21 ta' Mejju 2025**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' **Nicolas Labadesse** ta' nazzjonalita' Franċiża, ta' wieħed u għoxrin (21) sena, iben Didier u Flaurance xebba Thibault, imwieled ġewwa Franza, nhar it-tmintax (18) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), mingħajr residenza fissa f'Malta u detentur tal-Karta tal-Identita' Franċiża bin-numru X90J0H0M8, li f'isem ir-Repubblika ta' Malta kien akkużat talli nhar it-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) bejn il-ħamsa (05:00hrs) u s-sitta (06:00hrs) ta' filgħodu minn ġewwa Triq is-Swieqi, Swieqi, Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta' oġġetti u/jew flus, liema serq huwa aggravat bil-**ħin** u bil-**valur**, liem valur ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-detriment ta' **Jonathan Mizzi** u l-kumpanija **Bitmac** u/jew persuna/persuni oħra u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-Pulizija jew ma ħalliex jew fixkel lill-Pulizija waqtu li kienu qed jagħmlu d-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod bla jedd indaħal fl-istess dmirijiet billi ma ħalliex lil dawn il-membri tal-Korp tal-Pulizija jagħmlu dak li b'Liġi kienu ordnati li jagħmlu u billi ħassar jew ġab fix-xejn dak li dawn l-istess membri tal-Korp tal-Pulizija kienu għamlu;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indeċenti, jew għamel atti jew ġesti oxxeni, jew b'xi mod ieħor li mhux provdut f'dan il-Kodiċi, offenda l-morali, l-imġiba xierqa jew id-diċenza pubblika.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija fil-konfront tal-imputat tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u 532A *et seq* tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża *ai termini* tal-Artikolu 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat tressaq b'arrest quddiem din il-Qorti bħala l-Qorti tal-Għassa nhar id-9 ta' Mejju 2025, u l-Uffiċjali Prosekuturi l-Avukat Dr. Miryea Mifsud għall-Avukat Ġenerali u l-Ispettur Darryl Farr għall-Kummissarju tal-Pulizija qraw u kkonfermaw l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat bil-ġurament[1];

[1] Ara l-imputazzjonijiet hekk kif maħlufa a fol 1 *et seq* tal-proċess, kif ukoll il-verbal tal-istess seduta a fol 4 *et seq* tal-proċess

Rat illi fl-istess seduta[2] l-Prosekuzzjoni infurmat lil din il-Qorti li l-imputat ma jifhimx bl-ilsien Malti iżda jifhem bl-ilsien Franċiż, u li din il-Qorti appuntat lil Dounia Borg bħala interpretu mil-lingwa Maltija għal dik Franċiża u viċe versa;

Rat li meta sar l-eżami tal-imputat mingħajr ġurament *ai termini* tal-Artikolu 370(4), l-Artikolu 390(1) u l-Artikolu 392 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta[3], wieġeb li huwa ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu;

Rat li din il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, u wara li tagħtu żmien xieraq sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u jekk irid, jerġa' lura minn tali ammissjoni, l-imputat għal darb' oħra kkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Rat li din il-Qorti osservat id-dettami tal-Artikolu 392A(1) u l-Artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u fid-dawl tal-ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li kkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu, kien biss f'dan l-istadju li din il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-ammissjoni tiegħu;

Għalhekk, wara li din il-Qorti rat l-Artikolu 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara li ma hemmx raġuni tajba sabiex tiddubita li l-imputat huwa ħati minkejja li huwa ddikjara l-ammissjoni tiegħu, u tqis li l-imputazzjonijiet sopraċitati kienu sodisfaċentement ippruvati;

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti proċesswali, senjatament is-segwenti:

1. Il-Kunsens tal-Avukat Ġenerali *ai termini* tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dawn il-proċeduri jkunu trattati b'mod sommarju[4];

[2] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 4 *et seq* tal-proċess
[3] Ara a fol 11 tal-proċess
[4] Ara Dok DF1 a fol 12 tal-proċess

2. Rapport tal-NPS bir-referenza 8/POL/2963/2025[5];

3. Il-Fedina Penali tal-imputat hekk kif aġġornata nhar it-8 ta' Mejju 2025[6];

4. Envelope abjad li fih il-Karta tal-Identita' Franċiża tal-imputat[7];

5. Kopja tal-Karta tal-Identita' Franċiża tal-imputat[8];

6. CD bl-istqarrija Awdjo-Viżiva tal-imputat[9].

Rat li waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju 2025[10], il-Prosekuzzjoni ddikjarat li r-*res furtiva* kienet ritornata lill-Pulizija;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2025;
Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat li din il-kawża kienet differita għal-lum għas-sentenza;

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

L-imputat f'isem ir-Repubblika ta' Malta kien mixli talli nhar it-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) bejn il-ħamsa (05:00hrs) u s-sitta (06:00hrs) ta' filgħodu minn ġewwa Triq is-Swieqi, Swieqi, Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta' oġġetti u/jew flus, liema serq huwa aggravat bil-**ħin** u bil-**valur**, liem valur ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u

[5] Ara Dok DF2 a fol 13 *et seq* tal-proċess
[6] Ara Dok DF3 a fol 16 tal-proċess
[7] Ara Dok DF4 a fol 17 tal-proċess
[8] Ara Dok DF5 a fol 18 tal-proċess
[9] Ara Dok DF6 a fol 19 tal-proċess
[10] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 4 *et seq* tal-proċess

tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-detriment ta' **Jonathan Mizzi** u l-kumpanija **Bitmac** u/jew persuna/persuni oħra u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-Pulizija jew ma ħalliex jew fixkel lill-Pulizija waqtu li kienu qed jagħmlu d-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod bla jedd indaħal fl-istess dmirijiet billi ma ħalliex lil dawn il-membri tal-Korp tal-Pulizija jagħmlu dak li b'Liġi kienu ordnati li jagħmlu u billi ħassar jew ġab fix-xejn dak li dawn l-istess membri tal-Korp tal-Pulizija kienu għamlu;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indeċenti, jew għamel atti jew ġesti oxxeni, jew b'xi mod ieħor li mhux provdut f'dan il-Kodiċi, offenda l-morali, l-imġiba xierqa jew id-diċenza pubblika.

Li minn kif intqal aktar 'il fuq, l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu għal dawn l-imputazzjonijiet, u wara li din il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, u wara li tagħtu żmien xieraq sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u jekk irid, jerġa' lura minn tali ammissjoni, l-imputat għal darb' oħra kkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Fil-kalibrar tal-piena li għandha tkun erogata, din il-Qorti ħadet is-segwenti fatturi in konsiderazzjoni:

1. Li l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proċeduri, li għalhekk jirrikwadra ruħu f'dak argumentat mill-Qrati tagħna u dawk internazzjonali dwar tnaqqis fil-piena għal ammissjonijiet li jsiru fi stadju bikri tal-proċeduri[11], li jfisser li l-Qorti tkun frankat il-ħin, ir-riżorsi u l-ispejjeż neċessarji

[11] Ara f'dan is-sens **Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Frar 1997; **Il-Pulizija v. Emmanuel Testa**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Lulju 2002, kif ukoll Appell Nru. 414/2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Rosita Zammit**, deċiż mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera nhar it-13 ta' Settembru 2024; Att t'Akkuża Nru. 3/2018/2 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello**, deċiża fis-26 ta' Ġunju 2024 mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-

sabiex tindaga dwar il-mertu tal-imputazzjonijiet odjerni, u l-amministazzjoni tal-ġustizzja. Fil-każ odjern, jirriżulta li l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu fl-istadju tal-preżentata;

2. In-natura tal-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat, u ċioe' serq aggravat bil-ħin u bil-valur, kif ukoll il-kontravenzjonijiet li naqas milli jobdi l-ordnijiet leġittimi tal-Uffiċjali tal-Pulizija u li meta kien xurban, qal kliem oxxen jew indeċenti fil-pubbliku jew għamel atti jew ġesti oxxeni, jew b'xi mod ieħor li mhux imsemmi fil-Kodiċi Kriminali offenda l-morali, l-imġiba xierqa jew id-deċenza pubblika, u l-portata ta' dawn l-imputazzjonijiet;

3. Dak propost mill-partijiet waqt it-trattazzjoni tagħhom waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju 2025, u ċioe' li l-piena idoneja fiċ-ċirkustanzi tkun waħda ta' sentenza sospiża fil-konfront tal-imputat.

Tenut kont dawn il-fatturi kollha, din il-Qorti tibda biex tosserva li filwaqt li m'hijiex marbuta bl-ebda mod li teroga piena proposta mill-partijiet, hija wkoll tal-fehma li piena karċerarja fil-konfront tal-imputat ma tkunx waħda idoneja fil-konfront tiegħu, u dan in vista tal-fatt li kif dikjarat mill-Prosekuzzjoni, r-*res furtiva* kienet ritornata lill-Pulizija, kif ukoll li l-Fedina Penali tal-imputat hija waħda netta, liema fatturi t-tnejn jikkontribwixxu għal tnaqqis fil-piena. Għaldaqstant, filwaqt li din il-Qorti ma tistax tinjora l-portata tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, partikularment l-ewwel imputazzjoni li bl-aggravji assoċjati magħha ma tippermettix li l-piena erogata tkun fil-*minimum*, ikun aktar idoneju li teroga piena ta' sentenza sospiża minflok waħda ta' priġunerija effettiva.

**Decide:**

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 17(d), l-Artikolu 20, l-Artikolu 261(ċ), l-Artikolu 261(f), l-Artikolu 267, l-Artikolu 270, l-Artikolu 279(a), l-Artikolu 280(1), l-Artikolu 281(a), l-Artikolu

---

Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera; Kawża Nru. 20/2023 fl-ismijiet **The Police v. Mohamed Salim Saaou El Kaddouri**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr. Elaine Rizzo nhar is-06 ta' Mejju 2024

338(ee), u l-Artikolu 338(bb) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, **qiegħda, fuq ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, issib lill-imputat Nicolas Labadesse ħati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti fil-konfront tiegħu,** pero' *stante* li l-Qorti hija tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi sabiex tingħata sentenza sospiża, qiegħda tikkundanna lill-imputat, issa l-ħati **Nicolas Labadesse** għall-piena ta' tmintax (18)-il xahar priġunerija, **li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tkun sospiża għal perjodu ta' sitta u tletin (36) xahar mid-data ta' din is-sentenza;**

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fissret lill-imputat, issa l-ħati **Nicolas Labadesse,** bi kliem ċar u sempliċi l-portata ta' din is-sentenza, inkluż ir-responsabbilta' tiegħu *ai termini* tal-Artikolu 28B(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta f'każ li jonqos milli jaderixxi mal-kundizzjonijiet imposti minn din il-Qorti, u ċioe' li f'każ li jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, il-perjodu operattiv ma jibqax fis-seħħ, u l-piena ta' priġunerija ta' tmintax (18)-il xahar imsemmija aktar 'il fuq issir waħda ta' priġunerija effettiva;

Din il-Qorti, wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, tħaddem kontra l-ħati **Nicolas Labadesse** il-provvedimenti tal-Artikolu 15A u l-Artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew kwalunkwe Artikolu ieħor tal-Liġi sabiex tiżgura kumpens u/jew restituzzjoni tad-danni sofferti, din il-Qorti qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din it-talba *stante* li filwaqt li jissemma l-ammont ta' "***madwar €250***"[12] fir-Rapport tal-NPS, din il-Qorti ma tistax tqis li din hija prova li tistabbilixxi ammont konkret fir-rigward ta' kwantifikazzjoni ta' danni sofferti, barra milli hekk kif dikjarat mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2025, r-*res furtiva* kienet ritornata lill-Pulizija;

Din il-Qorti, wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, tħaddem kontra l-ħati **Nicolas Labadesse** il-provvedimenti tal-Artikolu 382A, l-Artikolu 383, l-Artikolu 384 u l-Artikolu 385 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda, *ai termini* tal-Artikolu 383(1) u l-Artikolu 383(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, torbot lil-ħati **Nicolas Labadesse**

[12] Ara a fol 15 tal-proċess

b'obbligazzjoni tiegħu innifsu a favur **Jonathan Mizzi**, u dan għal perjodu ta' sitt xhur mid-data ta' din is-sentenza, taħt penali ta' ħames mitt Ewro (€500), liema ordni għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza;

Din il-Qorti, wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, tħaddem kontra l-ħati **Nicolas Labadesse** l-provvedimenti tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tiddikjara li m'hijiex f'pożizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba *stante* li ma kien inkarigat l-ebda espert fil-perkors ta' dawn il-proċeduri;

Il-Qorti tordna li a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kopja skenjata tal-atti proċesswali flimkien ma' din is-sentenza u d-digrieti relattivi jkunu kkomunikati lill-Avukat Ġenerali, u dan fiż-żmien stipulat fil-Liġi.

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**